Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

Data tal-laqgħa: 25 ta' Frar 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.05pm.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku awgura lill-Viċi Sindku f'għeluq sninu.

**F'dan il-ħin (5.07pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 8. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG, il-minuti ġew approvati.

## 9.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

9.3.1 <u>Para 8.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-SE infurmat lir-rifletturi ġew ordnati u kif jaslu se jiġi installati mill-*electrician*.

9.3.2 <u>Para 8.3.3 - *Framework Agreement – Public Works*</u>
Is-SE kitbet lill-*Public Works* biex tistaqsi jekk jaċċettawx li jsir *patching* (*hot asphalt)* ta' parti biss ta' Triq Santa Marija (il-parti sfrondata). Sal-lum għadna mingħajr risposta.

9.3.3.1 <u>Para 8.3.5 – Vjal Kulħadd</u>
Is-Sindku infurma li l-proġett tal-Kunsill (għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina) intgħażel għat-tieni fażi tal-iskema li se tibda mis-sena 2026. IM se jkunu qed jagħmlu kuntatt magħna fil-ġimgħat li ġejjin biex tiġi diskussa fid-dettall il-proposta qabel jiġi mplimentat il-proġett.

9.3.3.2 Il-Kunsillier MLB qalet li din ġie bis-saħħa tagħha, wara l-konferenza fejn ġew imħabbra l-proġetti ta' l-ewwel fażi, tkellmet mal-Ministru kkonċernat, fejn spjegatlu li l-Kunsill nefaq eluf ta' Ewro (għat-tieni darba) biex ġew ippreparati pjanti għal proġett propost. Il-Ministru infurmaha li se jkun qed jara l-proposta, u filgħaxija stess irċivejna li ġejna magħżula.

9.3.3.3 Il-Kunsillier MLB infurmat ukoll li attendiet laqgħa tal-fond Horizon, fejn spjegat li dan il-fond jista' jiġi amalgamat ma' Vjal Kulħadd.

9.3.4 <u>Para 8.3.6 - *Speed tables*</u>
Is-SE infurmat qed iġġib kwotazzjonijiet mingħand fornituri oħra.

9.3.5 <u>Para 8.3.9 - Wesgħa Ġiġi Gauci</u>
Is-SE infurmat lix-xogħol ta' manutenzjoni tal-wesgħa se jsir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025. Ġiet innotata l-lista ta' pjanti li qed jiġu ssuġġerita mill-kuntrattur. Is-SE infurmat li qed tistenna kwotazzjoni ta' dawn il-pjanti.

9.3.6 <u>Para 8.3.8 – *iBiNs Collaboration Agreement*</u>
Is-Sindku infurma lis-SE tar-Reġjun Tramuntana iltaqa' mal-ERA, fejn iddiskuta l-problemi li qed jiffaċċjaw il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. ERA kellhom jiddiskutu din il-kwistjoni. ERA qalu li se jkunu qed ikellmuna lura u li għalissa ma niffirmaw l-ebda kuntratt. Intbagħtet ittra mis-SE tar-Reġjun lill-ERA fuq il-punti li ġew diskussa u għadna qed nistennew risposta. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil li tittieħed pożizzjoni komuni bejn il-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun.

9.3.7 <u>Para 8.4.1 - Xogħlijiet tal-WSC</u>
Is-SE infurmat lix-xogħlijiet pendenti, inkluż ir-*road markings* saru. Is-Sindku qal li kull ma baqa' hija problema waħda li tirrelata ma' residenza partikolari, fejn sabu problema bid-*drain*.

9.3.8 <u>Para 8.4.3 - Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>

Is-Sindku infurma li ċemplitlu l-Perit Graziella Galea (IM), li hija l-Perit inkarigat minn din is-sitwazzjoni, fejn qaltlu li fil-ġimgħat li ġejjin l-Enemalta se jkunu qed jagħmlu xi xogħol fit-triq f'dik il-parti tat-triq. Infurmatu li għalissa jistgħu jagħmlu *re-instatement* temporanju bil-konkos. Il-Perit kellha tikkomunika internament mal-IM u mal-Enemalta u għandha tinfurmana x'se jsir bil-miktub.

9.3.9 <u>Para 8.15.1 - Fondi mill-ERA għal Tisbieħ f'Wied Ħal Balzan</u>

Is-Sindku infurma li f'April se ssir laqgħa mal-ERA biex jiġu ppreżentati l-pjanti u *s-site survey* tal-proġett ta' tisbieħ f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tabib J. Zammit. Il-Perit tal-Kunsill ġie nfurmat biex jipprepara dawn id-dokumenti.

9.3.10 <u>Para 8.15.9 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)</u>

Is-SE infurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni ma' TM u qed nistennew risposta. Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* u ninfurmawhom li urġenti.

9.3.11 <u>Para 8.15.10 - Bankina f'Wied Ħal Balzan</u>

Dwar ir-rampa perikoluża li saret fil-bankina, is-SE infurmat li kitbet lill-Avukat tal-Kunsill u qed nistennew risposta. Is-SE infurmat li skond il-PA, il-bankina qiegħda skond il-permess.

**F'dan il-ħin (5.25pm) il-Kunsillier MLB ħarġet mill-kamra għal ftit minuti.**

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4.1 <u>Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana</u>

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana li saret il-bieraħ, 24 ta' Marzu 2025.

**F'dan il-ħin (5.27pm) il-Kunsillier MLB daħlet lura għal-laqgħa.**

9.4.2 <u>Kunsill tat-Tfal</u>

Is-Sindku infurma li l-E.T. President Emeritu Mary Louise Coleiro Preca talbet li ssir laqgħa bejn il-Kunsill Lokali u l-Kunsill tat-Tfal. Din il-laqgħa se ssir fit-12 ta' Marzu 2025 fis-6pm.

9.4.3 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>

Is-Sindku infurma li mhux qed jirnexxielu jsib kuntatt ta' xi ħadd mill-familjari ta' Gabriel Caruana u talab l-għajnuna tal-Kunsilliera biex min għandu, jgħaddilu l-kuntatt.

9.4.4 <u>Tabelli mir-Reġjun Tramuntana</u>

Is-Sindku infurma li r-Reġjun se jagħtu *sign* lill kull lokalità fi ħdan ir-Reġjun (bħal *I love Balzan*). Se jkun hemm numru ta' opzjonijiet. Is-Sindku infurma li se jkunu qed jibgħatulna d-dettalji tal-opzjonijiet differenti li l-Kunsill jista' jagħżel. Is-Sindku issuġġerixxa li nilħqu nsibu post fejn tista' teħel din is-*sign*.

## 9.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 9.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

9.6.1.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2025-2029</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2025-2029. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

9.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

9.6.1.3 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun.

9.6.2 <u>*Supply, Delivery and Installation of CCTV System across the locality of Ħal Balzan (RE-ISSUE)* – BLC 02/2024b - Aġġudikazzjoni</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2024B. Il-Kunsill

unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta konformi ta' Digital Traffic Brain u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat.

## 9.7 Vakanza ta' *Administration Officer* II (Skala 10)

9.7.1 Is-SE infurmat li l-permess mid-DGL ħareġ u s-SE ħarġet is-sejħa fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha. Kif maqbul unanimament mill-Kunsilliera, is-sejħa ħarġet għal Skala 10 minflok Skala 11 u se tagħlaq nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025. Din il-bidla saret skond il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali li għadu kif ġie ffirmat ix-xahar li għadda.

9.7.2 Jekk ikun hemm applikazzjonijiet, l-intervisti se jsiru nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2025 u l-membri tal-Bord tal-Għażla se jkunu:

- Is-Segretarju Eżekuttiv
- Is-Sindku Dr Angelo Micallef
- Il-Viċi Sindku Edward Grech
- Il-Kunsillier Annalise Galea
- Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano

Il-Kunsillier MLB se tkun membru sostitut f'każ li xi ħadd mill-membri ma jkunx disponibbli.

## 9.8 *iBiNs Collaboration Agreement*

9.8.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 9.3.6.

## 9.9 Skemi Finanzjarji

9.9.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali u Annwali 2025 / 2026</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/02/2025 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema biex fis-15 ta' Frar 2026 terġa' ssir l-attività ta' Jum San Valentinu.

9.9.2 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/03/2025 maħruġa minn DGL. Is-Sindku infurma li r-Reġjun Tramuntana se jissottometti applikazzjoni konġunta għall-Kunsilli Lokali li jifformaw parti minn dan ir-Reġjun.

9.9.3.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Milied 2025</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/04/2025 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-iskema. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tiġi organizzata ġurnata ta' attivitajiet immirata għat-tfal, fis-Sala Aurora. L-attività qed tiġi ppjanata li ssir is-Sibt 13 ta' Diċembru 2025. L-attività ser tikkonsisti minn:

- Kant u għana tal-Milied bil-Malti;
- Qari ta' stejjer (b'tema Natalizja) lit-tfal minn personaġġ tal-Milied;
- Jintwera *film* b'tema tal-Milied;
- Ikel u xorb għat-tfal.

9.9.3.2 Aktar dettalji jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

9.9.4 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/05/2025 maħruġa minn DGL. Din l-iskema se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

9.9.5.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/07/2025 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-iskema. Il-Kunsill qed jipproponi li jsir xi tisbiħ fil-*playing field* billi:

- Ssir sistema ta' irrigazzjoni;
- Inżidu xi apparat tal-bandli (*spring riders* u *outdoor gym equipment*);
- Jiġu installati bankijiet biċ-*charging stations.*

9.9.5.2 Aktar dettalji jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 9.10 *Bollards* ġodda quddiem iz-zuntier tal-Knisja

9.10.1 Is-SE infurmat li l-*bollards* ġew imwaħħla. Is-SE infurmat li l-kwistjoni ta' min se jiftaħhom jidher issolviet waħedha għax min għandu bżonn jiftaħom (funerali u tiġijiet), qed jiġi għaċ-ċwievet.

**F'dan il-ħin (6.10pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.15pm.**

## 9.11 Permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet

9.11.1 Ġiet innotata r-risposta tal-Avukat tal-Kunsill biex tiġi indirizzata l-problema. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħmlu *approach* formali lill-awtorità rispettiva sabiex naraw lis-sitwazzjoni tiġi kompletament regolarizzata skond kif titlob il-liġi.

9.11.2 F'każ li ma naraw l-ebda forma ta' rispons, il-Kunsill jiddiskuti kif l-aħjar iqajjem *awareness* pubblika dwar is-sitwazzjoni.

## 9.12 Kjosks fil-Festa tar-raħal

9.12.1 Is-SE ippreżentat il-pjanta l-ġdida (DOK 1) tal-postijiet tal-gabbani wara li sar eżerċizzju biex jitkejjlu l-ispazji u ġie identifikat l-ammont ta' gabbani li jistgħu joqgħodu fi Triq Ġużè Bonniċi.

9.12.2 Il-pjanta l-ġdida ġiet approvata unanimament u se tiġi ppubblikata skond kif mitlub bil-liġi.

## 9.13 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

9.13.1 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 9.4.3.

9.13.2 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Il-Perit qed jitlob lill-Kunsill biex jindika l-post eżatt fejn qed jiġi propost li jsir il-bust. Il-Kunsill qabel li jsir fuq il-bankina bejn is-sagristija u l-kampnar tal-Knisja. Il-Kunsill jixtieq li jsir ukoll dawl minn taħt.

## 9.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

9.14.1 <u>Talba għal għajnuna finanzjarja – Xiri ta' kotba</u>
Il-Kap tal-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin qed jitlob l-għajnuna finanzjarja lit-tliet (3) Kunsilli biex jinxtraw kotba biex jingħataw lill-istudenti. L-ispiża totali biex jinxtraw il-kotba hija €774.43c. Il-Kunsill qabel li jgħin u se jiddiskuti mal-Kunsilli ta' Ħal Lija u tal-Iklin biex jiġi deċiż l-ammont li se jingħata b'mod ugwali.

9.14.2 <u>Talba għal għajnuna finanzjarja – Stampar ta' ktieb</u>
Għalliema fl-Iskola Primarja San Alwiġi qed titlob l-għajnuna finanzjarja biex jiġi stampat il-ktieb *'365 Ignatian Prayers for Children'*. Il-ktieb se jkun qed jingħata lill-istudenti. Il-kotba se jkunu qed jinbiegħu u l-fondi miġbura se jingħataw lill-iskola biex jgħinu lill-istudenti fil-bżonn. L-ispiża totali biex jiġi stampat il-ktieb hija €3,069.42c. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li joffri l-istess ammont li se jingħata lill-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin.

9.14.3.1 <u>Żvilupp fi Triq it-Tliet Knejjes</u>
Qed jintalab permess biex tingħalaq it-triq għal ħamest (5) ijiem konsekuttivi minħabba żvilupp li qed isir fejn il-mużew. L-iżviluppatur diġà ingħata permess biex tingħalaq it-triq għal tlett (3) ijiem bejn l-10am u s-6pm. Issa qed jerġa' jitlob permess għal ħamest (5) ijiem oħra. Apparti minn hekk qed jitlob biex jaħdem mingħajr ma jagħlaq it-triq.

9.14.3.2 Is-SE infurmat li saret laqgħa fuq il-post mal-iżviluppatur, u fl-opinjoni tagħha, it-triq trid tingħalaq biex ix-xogħol isir b'mod sigur u mingħajr periklu.

9.14.3.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li:

- t-triq trid tingħalaq minn k/m Triq Mons. F.X. Zahra;

- jrid ikun hemm uffiċjal jidderieġi t-traffiku;
- l-ħinijiet tal-permess ikunu bejn id-9.30am u l-4.00pm (mhux ħamest (5) ijiem konsekuttivi); u
- titpoġġa tabella fejn l-għassa li tindika li m'hemmx aċċess għal Wied Ħal Balzan.

9.14.4 *MC Bays* ġodda fi Triq San Franġisk u Triq Patri Ġuże' Delia
Is-SE infurmat lir-resident li kien talab li jsiru ż-żewġ (2) *MC Bays* li kienu approvati f'Awwissu 2024, qed jinsisti li tal-inqas issir imqar waħda. Se ssir spezzjoni biex jiġi identifikat post fejn tista' ssir *MC Bay* fiż-żona mingħajr ma toħloq *blind corner*.

9.14.5 Talba biex issir *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan
*Manor House* qed jibqgħu jinsistu li ssir *un/loading bay* quddiem il-ħanut għax li hemm f'Wied Ħal Balzan qegħdin 'il bogħod mill-ħanut. Kif intqal f'laqgħat preċedenti, *un/loading bay* mhix ta' xi ħanut partikolari, imma tkun biex tintuża mill-ħwienet tal-viċinanzi. Huwa impossibbli li ssir *un/loading bay* quddiem kull ħanut, għax kieku f'Wied Ħal Balzan jitneħħa l-*parking* kollu. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li jagħmlu permess tan-*No Parking* meta jkollhom kunsinni skedati.

9.14.6.1 Bozza fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet
Resident qed jitlob li titneħħa l-bozza li twaħħlet mal-faċċata tiegħu. Din il-bozza kienet mal-faċċata tal-binja ta' maġenbu u kienet tneħħiet biex isir żvilupp. Il-bozza twaħħlet eżatt fit-tarf (bejn iż-żewġ binjiet, eżatt kif taqbeż l-irħam). mal-faċċata ta' dan ir-resident peress li l-binja fejn kienet qabel, issa għandha l-irħam mal-faċċata u hemm ċans li ssirilha ħsara jekk terġa' teħel hemm.

9.14.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li ma hemm l-ebda post ieħor fejn tista' teħel il-bozza, u li jekk ir-resident ma jridx li tibqa' mal-faċċata, l-unika opzjoni vijabbli hi li ssir fuq arblu fuq il-bankina quddiem l-istess binja.

9.14.7 Mera fi Triq Birbal k/m Vjal il-Bon Pastur
Is-SE infurmat li hemm bżonn li tiġi mressqa l-mera li hemm fit-tarf tal-bankina għax qed tintlaqat spiss minn vetturi kbar. Is-SE qalet lir-resident ma jridx li teħel viċin iċ-ċint tal-parapett tiegħu. Se jiġi ċċekkjat jekk tistax teħel aktar lura fit-tarf tal-bankina biex nevitaw li teħel viċin il-parapett.

9.14.8.1 Festa Tfal
Is-Sindku infurma li fit-23 ta' Marzu 2025, il-Każin Filarmonika Marija Annunzjata se jorganizzaw Festa Tfal, u qed jitolbu li l-Kunsill jeżentahom milli jġibu uffiċjali. Is-SE spjegat li normalment, waħda mill-kundizzjonijiet li jagħtu TM hija li jkun hemm uffiċjali.

9.14.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nistennew li joħroġ il-permess ta' TM u nimxu skond il-kundizzjonijiet li jinħarġu. Apparti minn hekk, is-Sindku se jipprova jkellem lill-*Community Police* biex naraw jekk jistgħux ikunu preżenti waqt l-attività.

## 9.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.15.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/25, li tinkludi l-ammont ta' €104.46c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2025.

9.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier MLB. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 9.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm.

9.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 01

# New Kiosks Allocation Map for Village Feast

